B 1901

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,339, 5 ta' November, 2024
Taqsima B

A.L. 287 tal-2024

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinament tal-2024 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2012 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Arts – M.A. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dan l-ordinament magħmul mill-Bord tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġie approvat mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dan l-ordinament jista jissejjaħ bħala l-Ordinament tal-2024 biex jemenda l-Ordinamenti tal-2012 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Arts – M.A. – u għandu jinqara u jinftiehem bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2012 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Arts – M.A. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien, ippubblikati bħala Avviż Legali 29 tal-2012, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dan l-ordinament għandu japplika għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2024 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok l-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Id-Dħul fil-Kors

6. L-applikanti li jixtiequ japplikaw għall-Grad prinċipalment bir-riċerka, għandhom jindikaw it-titlu provviżorju għad-dissertazzjoni fiż-żmien tal-applikazzjoni għad-dħul. L-applikazzjoni għandha tinkludi proposta ta' riċerka skont il-linji gwida maħruġin mill-Bord kif ukoll dikjarazzjoni mill-kap tad-dipartiment ikkonċernat li l-applikanti għandhom it-taħriġ, l-għarfien u l-kapaċitajiet meħtieġa għal qasam ta' studju u riċerka propost."